A.L. 72 tal-2021

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (KAP. 437)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki ta' Kirurgi Veterinarji

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 45A tal-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki ta' Kirurgi Veterinarji u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki ta' Kirurgi Veterinarji, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 437.43.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jiġu inklużi drittijiet miksuba nieqsa għall-Kroazja, jiġbor drittijiet miksuba fi ħdan l-istess regolament u tinbidel Skeda I sabiex jiġi jaqbel mad-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2020/548 tat-23 ta' Jannar 2020 li temenda l-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi rinumerat mill-ġdid bħala r-regolament 1 fl-intier tiegħu u s-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi mħassar.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat b'dan li ġej:

(a) in-nota marġinali tiegħu, għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Rikonoxximent ta' kwalifiki formali li jissodisfaw ir-regolament 4 u drittijiet miksuba.";

(b) is-subregolament (2) tiegħu, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Fil-każ ta' persuni li għandhom nazzjonalità fl-Istati Membri u li għandhom diplomi, ċertifikati u evidenza oħra ta' kwalifiki formali li ma jissodisfawx kull rekwiżit ta' taħriġ minimu mniżżel fl-artikolu 1 tad-

Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 78/1027/KEE, fl-Istat Membru in kwistjoni, Malta għandha tirrikonoxxi, bħala prova suffiċjenti, li d-diplomi, ċertifikati u kull evidenza oħra ta' kwalifiki formali fil-mediċina veterinarja mogħtija mill-Istati Membri qabel l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 78/1027/KEE, li huwa akkumpanjat minn ċertifikat l i jgħid li dawk li kienu effettivament u skont il-liġi mdaħħla fl-attivitajiet inkwistjoni għal mill-anqas tliet (3) snin konsekuttivi waqt il-ħames (5) snin qabel id-data ta' meta jinħareġ iċ-ċertifikat."; u

(ċ) il-paragrafu (ċ) sal-paragrafu (i) tas-subregolament (3) tiegħu, għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"(ċ) Il-Kunsill għandu jeżamina il-każijiet l-oħra ta' persuni li għandhom nazzjonalità u li d-diplomi veterinarji tagħhom jgħidu li t-tħarriġ kien mogħti fit-territorju tal-Istati partikolari fi żmien meqjus jew qabel li dan l-Istat isir Stat Membru.

(d) Fid-dawl tal-miżuri transizzjonali mogħtija lill-Italja taħt l-artikolu 1(5) tad-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 78/1027/KEE, Malta hija awtorizzata li tirrikjedi lil dawk li għandhom id-diplomi, ċertifikati u evidenza oħra ta' kwalifiki formali bħala kirurgi veterinarji mogħtija mill-Italja wara taħriġ mibdi qabel l-1 ta' Jannar 1985 li d-diplomi tagħhom, ċertifikati u evidenza oħra ta' kwalifiki formali jkunu akkumpanjati minn ċertifikat li jgħid li huma effettivament u legalment ġew ingaġġati fl-attivitajiet tal-kirurgu veterinarju għal mill-anqas tliet (3) snin konsekuttivi matul il-ħames (5) snin qabel id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat, sakemm l-imsemmija diploma, ċertifikat jew kull prova ta' kwalifiki formali tkun akkumpanjata miċ-ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti Taljani li jgħid li t-taħriġ sar b'konformità sħiħa skont ir-rekwiżiti mniżżla fl-artikolu 1(5) tad-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 78/1027/KEE u l-Anness tal-istess Direttiva.

(e) Fil-każ ta' persuni li għandhom nazzjonalità fl-Istati Membri u li għandhom diplomi, ċertifikati jew xi evidenza oħra ta' kwalifiki formali fil-mediċina veterinarja li ġew mogħtija minn, jew it-tħarriġ ta' liema beda f'dik li qabel kienet iċ-Ċekożlovakkja qabel l-1 ta' Jannar 1993, Malta għandha tirrikonoxxi dawn id-diplomi

veterinarji, ċertifikati u xi evidenza oħra ta' kwalifiki formali bħala prova suffiċjenti meta l-awtoritajiet tar-Repubblika Ċeka jiċċertifikaw li tali provi ta' kwalifiki formali għandhom l-istess validità legali fit-territorju tagħhom bħall-kwalifiki Ċekożlovakki fil-mediċina veterinarja dwar l-aċċess għall-professjoni veterinarji u l-prattika tagħha. Din l-attestazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikat maħruġ mill-istess awtoritajiet li jgħid li dawk il-persuni li għandhom in-nazzjonalità fl-Istati Membri ġew legalment u b'mod effettiv mqabbda fl-attività in kwistjoni fit-territorju tar-Repubblika Ċeka għal mill-anqas tliet (3) snin konsekuttivi waqt dawk il-ħames (5) snin qabel id-data ta' ħruġ taċ-ċertifikat.

(f) Fil-każ ta' persuni li għandhom nazzjonalità fl-Istati Membri u li għandhom diplomi, ċertifikati jew xi evidenza oħra ta' kwalifiki formali fil-mediċina veterinarja li ġew mogħtija minn, jew it-tħarriġ ta' liema beda f'dik li qabel kienet l-Unjoni Sovjetika qabel l-20 ta' Awwissu 1991, Malta għandha tirrikonoxxi dawn id-diplomi veterinarji, ċertifikati u xi evidenza oħra ta' kwalifiki formali bħala prova suffiċjenti meta l-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Estonia jiċċertifikaw li dawk il-kwalifiki għandhom fit-territorju tagħhom l-istess validità legali bħall-kwalifiki tal-Estonja fil-mediċina veterinarja dwar l-aċċess għall-professjoni veterinarji u l-prattika tagħha. Din l-attestazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikat maħruġ mill-istess awtoritajiet li jgħid li dawk il-persuni li għandhom in-nazzjonalità fl-Istati Membri ġew legalment u b'mod effettiv mqabbda fl-attività in kwistjoni fit-territorju tar-Repubblika tal-Estonja għal mill-anqas ħames (5) snin konsekuttivi waqt dawk is-seba (7) snin qabel id-data ta' ħruġ taċ-ċertifikat.

(g) Fil-każ ta' persuni li għandhom nazzjonalità fl-Istati Membri u li għandhom diplomi, ċertifikati jew xi evidenza oħra ta' kwalifiki formali fil-mediċina veterinarja li ġew mogħtija minn, jew it-tħarriġ ta' liema beda f'dik li qabel kienet l-Unjoni Sovjetika qabel l-21 ta' Awwissu 1991, Malta għandha tirrikonoxxi dawn id-diplomi veterinarji, ċertifikati u xi evidenza oħra ta' kwalifiki formali bħala prova suffiċjenti meta l-awtoritajiet tal-Latvja jiċċertifikaw li dawk il-kwalifiki

għandhom, fit-territorju tagħhom, l-istess validità legali bħall-kwalifiki tal-Latvja fil-mediċina veterinarja dwar l-aċċess għall-professjoni veterinarja u l-prattika tagħha. Din l-attestazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikat maħruġ mill-istess awtoritajiet li jgħid li dawk il-persuni li għandhom in-nazzjonalità fl-Istati Membri ġew legalment u b'mod effettiv mqabbda fl-attività in kwistjoni fit-territorju tal-Latvia għal mill-anqas tliet (3) snin konsekuttivi waqt dawk il-ħames (5) snin qabel id-data ta' ħruġ taċ-ċertifikat.

(h) Fil-każ ta' persuni li għandhom nazzjonalità fl-Istati Membri u li għandhom diplomi, ċertifikati jew xi evidenza oħra ta' kwalifiki formali fil-mediċina veterinarja li ġew mogħtija minn, jew it-tħarriġ ta' liema beda f'dik li qabel kienet l-Unjoni Sovjetika qabel l-11 ta' Marzu 1990, Malta għandha tirrikonoxxi dawn id-diplomi veterinarji, ċertifikati u xi evidenza oħra ta' kwalifiki formali fil-mediċina veterinarja bħala prova suffiċjenti meta l-awtoritajiet tal-Litwanja jiċċertifikaw li dawk il-kwalifiki għandhom, fit-territorju tagħhom, l-istess validità legali bħall-kwalifiki tal-Litwanja fil-mediċina veterinarja dwar l-aċċess għall-professjoni veterinarji u l-prattika tagħha. Din l-attestazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikat maħruġ mill-istess awtoritajiet li jgħid li dawk il-persuni li għandhom in-nazzjonalità fl-Istati Membri ġew legalment u b'mod effettiv mqabbda fl-attività in kwistjoni fit-territorju tal-Litwanja għal mill-anqas tliet (3) snin konsekuttivi waqt dawk il-ħames (5) snin qabel id-data ta' ħruġ taċ-ċertifikat.

(i) Fil-każ ta' persuni li għandhom nazzjonalità fl-Istati Membri u li għandhom diplomi, ċertifikati jew xi evidenza oħra ta' kwalifiki formali fil-mediċina veterinarja li ġew mogħtija minn, jew it-tħarriġ ta' liema beda f'dik li qabel kienet iċ-Ċekożlovakkja qabel l-1 ta' Jannar 1993, Malta għandha tirrikonoxxi dawn id-diplomi veterinarji, ċertifikati u xi evidenza oħra ta' kwalifiki formali fil-mediċina veterinarja bħala prova suffiċjenti meta l-awtoritajiet tas-Slovakkja jiċċertifikaw li tali provi ta' kwalifiki formali għandhom l-istess validità legali fit-territorju tagħhom bħall-kwalifiki tal-Islovakkja fil-mediċina veterinarja dwar l-aċċess għall-professjoni veterinarji u l-prattika tagħha. Din l-attestazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikat maħruġ mill-istess

awtoritajiet li jgħid li dawk il-persuni li għandhom in-nazzjonalità fl-Istati Membri ġew legalment u b'mod effettiv imqabbda fl-attività in kwistjoni fit-territorju tas-Slovakkja għal mill-anqas tliet (3) snin konsekuttivi waqt dawk il-ħames (5) snin qabel id-data ta' ħruġ taċ-ċertifikat.

(j) Fil-każ ta' persuni li għandhom nazzjonalità fl-Istati Membri u li għandhom diplomi, ċertifikati jew xi evidenza oħra ta' kwalifiki formali fil-mediċina veterinarja li ġew mogħtija minn, jew it-tħarriġ ta' liema beda fl-Estonja qabel l-20 ta' Awwissu 1991, Malta għandha tirrikonoxxi dawn id-diplomi veterinarji, ċertifikati u xi evidenza oħra ta' kwalifiki formali fil-mediċina veterinarja bħala prova suffiċjenti jekk ikun akkumpanjat minn ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet tal-Estonja li jgħid li dawk il-persuni li għandhom nazzjonalità fl-Istati Membri ġew effettivament u legalment mqabbdin fl-attività in kwistjoni fl-Estonja għal tal-anqas ħames (5) snin konsekuttivi waqt is-seba' (7) snin qabel id-data ta' ħruġ taċ-ċertifikat.

(k) Fil-każ ta' persuni li għandhom nazzjonalità fl-Istati Membri u li għandhom diplomi, ċertifikati jew xi evidenza oħra ta' kwalifiki formali fil-mediċina veterinarja li ġew mogħtija minn, jew it-tħarriġ ta' liema beda fil-Jugoslavja qabel l-25 ta' Ġunju 1991, Malta għandha tirrikonoxxi dawn id-diplomi veterinarji, ċertifikati u xi evidenza oħra ta' kwalifiki formali fil-mediċina veterinarja bħala prova suffiċjenti meta l-awtoritajiet tal-Islovenja jiċċertifikaw li dawk il-kwalifiki għandhom, fit-territorju tagħhom, l-istess validità legali bħall-kwalifiki tas-Slovenja fil-mediċina veterinarja dwar l-aċċess għall-professjoni veterinarja u l-prattika tagħha. Din l-attestazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikat maħruġ mill-istess awtoritajiet li jgħid li dawk il-persuni li għandhom in-nazzjonalità fl-Istati Membri ġew legalment u b'mod effettiv imqabbda fl-attività in kwistjoni fit-territorju tas-Slovenja għal mill-anqas tliet (3) snin konsekuttivi waqt dawk il-ħames (5) snin qabel id-data ta' ħruġ taċ-ċertifikat.

(l) Fil-każ ta' persuni li għandhom nazzjonalità fl-Istati Membri u li għandhom diplomi, ċertifikati jew xi evidenza oħra ta' kwalifiki formali fil-mediċina veterinarja li ġew mogħtija minn, jew it-tħarriġ ta' liema beda f'dik li qabel kienet l-Jugoslavja qabel it-8 ta'

Ottubru 1991, Malta għandha tirrikonoxxi dawn id-diplomi veterinarji, ċertifikati u xi evidenza oħra ta' kwalifiki formali fil-mediċina veterinarja bħala prova suffiċjenti meta l-awtoritajiet tal-Kroazja jgħidu li dawk il-kwalifiki għandhom, fit-territorju tagħhom, l-istess validità legali bħall-kwalifiki tal-Kroazja fil-mediċina veterinarja dwar l-aċċess għall-professjoni veterinarja u l-prattika tagħha. Din l-attestazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikat maħruġ mill-istess awtoritajiet li jgħid li dawk il-persuni li għandhom in-nazzjonalità fl-Istati Membri ġew legalment u b'mod effettiv imqabbda fl-attività in kwistjoni fit-territorju tal-Kroazja għal mill-anqas tliet (3) snin konsekuttivi waqt dawk il-ħames (5) snin qabel id-data ta' ħruġ taċ-ċertifikat.".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-verżjoni bl-Ingliż, fis-subregolament (1) tiegħu, il-kliem "veterinary medicine as listed in the Schedule I" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "veterinary medicine as listed in Schedule I"; u

(b) is-subregolament (4) tiegħu, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(4) Xejn f'dawn ir-regolamenti ma għandu jippreġudika ebda istituzzjoni li għandha s-setgħa skont il-liġi, regolamenti jew disposizzjonijiet amministrattivi f'Malta li tagħti l-awtorità lil min għandu diplomi, ċertifikati jew provi oħra ta' kwalifiki formali li ma nkisbux fi Stat Membru, li jwettaq u jeżerċita l-attivitajiet ta' kirurgu veterinarju f'Malta.".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

5. Fil-verżjoni bl-Ingliż, is-subregolament (2) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Where the Member State of origin or the Member State from which the applicant comes does not require proof of good character of persons wishing to take up the activities in question for the first time, the Council may require of citizens of the Member State of origin or of the Member State from which the applicant comes, an extract from the judicial record or, failing this, an equivalent document issued by a competent judicial or administrative authority in the Member State of origin or the Member State from which the

applicant comes.".

6. Ir-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi mħassar. Iħassar ir-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali.

7. L-Iskeda I li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandha tiġi sostitwita b'din l-Iskeda ġdida li ġejja: Jissostitwixxi l-Iskeda I li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

"SKEDA I
(Regolamenti 3, 4, 5 u 16)

Titoli ta' diplomi, ċertifikati u provi oħra ta' kwalifiki formali fil-kirurgija veterinarja

Pajjiż	Prova tal-kwalifiki formali	Korp li jagħti l-prova tal-kwalifiki	Ċertifikat li jakkumpanja l-prova tal-kwalifiki	Data ta' referenza
België/ Belgique/ Belgien	Diploma van dierenarts/ Diplôme de docteur en médecine vétérinaire	— De universiteiten/ Les universités — De bevoegde Examencommissie van de Vlaamse Gemeenschap/Le Jury compétent d'enseignement de la Communauté française		21.12.1980
Бълга-ри-я	Диплома за висше образован ие на образовате лно-квалификац ионна	— Лесотехнически университет София Факултет Ветеринарна медицина		1.1.2007
	степен магистър по специалност Ветеринарна медицина с професионална квалификация Ветеринарен лекар	*— Тракийски университет Стара Загора, Ветеринарномеди-цински факултет*		
Česko	*— Diplom o ukončení studia ve studijním programuveterinární lékařství (doktor veterinární medicíny, MVDr.)*	*Veterinární fakulta univerzity v České republice*		1.5.2004

B 612

	— Diplom o ukončení studia ve studijním programuveterinární hygiena a ekologie (doktor veterinární medicíny, MVDr.)			
Danmark	*Bevis for kandidatuddannelsen i veterinærmedicin (cand. med.vet.)*	*København s Universitet*		21.12.1980
Deutsch-land	*— Zeugnis über das Ergebnis des Dritten Abschnitts der Tierärztlichen Prüfung und das Gesamtergebnis der Tierärztlichen Prüfung*	*Der Vorsitzende des Prüfungsausschusses für die Tierärztliche Prüfung einer Universitätoder Hochschule*		21.12.1980
	— Zeugnis über das Ergebnis der Tierärztlichen Prüfung und das Gesamtergebnis der Tierärztlichen Prüfung			1.1.2006
Eesti	*Diplom: täitnud veterinaarmeditsiini õppekava*	*Eesti Põllumajandusülikool*		1.5.2004
	Loomaarstikraad Degree in Veterinary Medicine (DVM)	*Eesti Maaülikool*		
Ελλάς	*Πτυχίο Κτηνιατρικής*	*1. Αριστοτέλειο Πανεπιστήμιο Θεσσαλονίκης* *2. Πανεπιστήμιο Θεσσαλίας*		1.1.1981
España	*Título de Licenciado en Veterinaria*	*— Ministerio de Educación y Cultura* *— El rector de una Universidad*		1.1.1986
	Título de Graduado/a en Veterinaria	*— El rector de una Universidad*		1.1.1986

France	*Diplôme d'Etat de docteur vétérinaire*	*Ministère chargé de l'enseignement supérieur (Université Paris-Est-Créteil, Université Claude-Bernard Lyon I, Université de Nantes, Université Paul-Sabatier-Toulouse III) et ministère chargé de l'agriculture (Écolenationale vétérinaire d'Alfort, Institut d'enseignement supérieur et de recherche en alimentation, santé animale, sciences agronomiques et de l'environnement-VetAgroSup, École nationale vétérinaire, agroalimentaire et de l'alimentation-Oniris, École nationale vétérinaire de Toulouse)*		21.12.1980
Hrvatska	*Diploma "doktor veterinarske medicine/ doktorica veterinarske medicine"*	*Veterinarski fakultet Sveučilišta u Zagrebu*		1.7.2013
Ireland	— *Diploma of Bachelor in/of Veterinary Medicine (MVB)* — *Diploma of Membership of the Royal College of Veterinary Surgeons (MRCVS)*			21.12.1980
Italia	*Diploma di laurea in medicina veterinaria*	*Università*	Diploma di abilitazione all'esercizio della medicina veterinaria	1.1.1985
Κύπρος	*Πιστοποιητικό Εγγραφής Κτηνιάτρου*	*Κτηνιατρικό Συμβούλιο*		1.5.2004
Latvija	*Veterinārārsta diploms*	*Latvijas Lauksaimniecības Universitāte*		1.5.2004

Lietuva	1. *Aukštojo mokslo diplomas (veterinarijos gydytojo (DVM))* 2. *Magistro diplomas (veterinarinės medicinos magistro kvalifikacinis laipsnis ir veterinarijos gydytojo profesinė kvalifikacija)*	1. *Lietuvos Veterinarijos Akademija* 2. *Lietuvos sveikatos mokslų universitetas*		1.5.2004
Lussemburgu	*Diplôme d'Etat de docteur en médecine vétérinaire*	*Jury d'examen d'Etat*		21.12.1980
Magyarország	*Okleveles állatorvos doktor oklevél (Dr. vet)*	*Felsőoktatási intézmény*		1.5.2004
Malta	*Liċenzja ta' Kirurgu Veterinarju*	*Kunsill tal-Kirurġi Veterinarji*		1.5.2004
Nederland	*Getuigschrift van met goed gevolg afgelegd diergeneeskundig/ veeartsenijkundig examen*			21.12.1980
Österreich	— *Diplom-Tierarzt* — *Magister medicinae veterinariae*	*Universität*		1.1.1994

Polska	*Dyplom lekarza weterynarii*	1. *Szkoła Główna Gospodarstwa Wiejskiego w Warszawie* 2. *Akademia Rolnicza we Wrocławiu (1)* 3. *Uniwersytet Przyrodniczy we Wrocławiu (2)* 4. *Akademia Rolnicza w Lublinie (3)* 5. *Uniwersytet Przyrodniczy w Lublinie (4)* 6. *Uniwersytet Warmińsko-Mazurski w Olsztynie* 7. *Uniwersytet Przyrodniczy w Poznaniu (6)* 8. *Uniwersytet Rolniczy im. Hugona Kołłątaja w Krakowie oraz Uniwersytet Jagielloński w Krakowie (7)*		1.5.2004
Portugal	— *Carta de curso de licenciatura em medicina veterinária* — *Carta de mestrado integrado em medicina veterinária*	*Universidade*		1.1.1986
România	*Diplomă de licenţă de doctor medic veterinar Diplomă de licenţă şi master de doctor medic veterinar*	*Universităţi* *Ministerul Educatiei Nationale (5)*		1.1.2007
Slovenija	*Diploma, s katero se podeljuje strokovni naslov "doktor veterinarske medicine/ doktorica veterinarske medicine"*	*Univerza*	Spričevalo o opravljenem državnem izpitu s področja veterinarstva	1.5.2004
Slovensko	Vysokoškolský diplom o udelení akademickéhotitulu "doktor veterinárskeho lekárstva" ("MVDr.")	Univerzita		1.5.2004

B 616

Suomi/ Finland	Eläinlääketieteen lisensiaatin tutkinto/ Veterinärmedicine licentiatexamen	Yliopisto		1.1.1994
Sverige	Veterinärexamen	Sveriges Lantbruksuniversitet		1.1.1994
United King- dom	1. Bachelor of Veterinary Science (BVSc) 2. Bachelor of Veterinary Science (BVSc) 3. Bachelor of Veterinary Medicine (Vet MB) 4. Bachelor of Veterinary Medicine and Surgery (BVM&S) 5. Bachelor of Veterinary Medicine and Surgery (BVMS) 6. Bachelor of Veterinary Medicine (BvetMed) 7. Bachelor of Veterinary Medicine and Bachelor of Veterinary Surgery (B.V.M., B.V.S.)	1. University of Bristol 2. University of Liverpool 3. University of Cambridge 4. University of Edinburgh 5. University of Glasgow 6. University of London 7. University of Nottingham		21.12.1980

1 Valida sat-22.11.2006.
2 Mit-23.11.2006.
3 Valida sal-10.4.2008.
4 Mill-11.4.2008.
5 Mill-10.1.2011.
6 Mill-1.10.2011.
7 Mill-1.10.2012.".